

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2009 — Escola Superior Agrária de Coimbra vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-446/09)

(2010/C 37/54)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Escola Superior Agrária de Coimbra (Bencanta, il-Portugall) (rappreżentant: J. Pais do Amaral, avukat)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2009) 224268, tad-9 ta' Settembru 2009;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi rimborsat l-ammont previst fil-punt 8 tal-ittra tat-12 ta' Awwissu 2009.

Ksur tal-punti 21.2 u 22 tad-dispożizzjonijiet amministrattivi standard fir-rigward tal-ammonti l-oħra, għadarba kien jeżisti reġistru tal-ħin li d-diversi intervenjenti ddedikaw għall-proġett, flimkien mal-indikazzjoni tal-isem tal-persuna li ddedikat dan il-ħin u bir-riferiment speċifiku għat-tul ta' ħin li ġie ddedikat, fejn il-ħin indikat huwa reali.

Żball ta' natura fattwali, peress li l-amministrazzjoni tista' tieħu azzjoni biss jekk tkun ċerta li l-fatti huma veri, billi mhuwiex biżżejjed li jkun hemm dubju ta' natura amministrattiva dwar jekk ġie effettivament iddedikat il-ħin imniżżel fit-timesheets, peress li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-Kummissjoni.

Kunsiderazzjoni żbaljata peress li ma jeżisti ebda obbligu bil-miktub li tiġi adottata ċertu tip ta' sistema ta' reġistru tat-tul ta' ħin tax-xogħol ipprovdut minbarra l-imsemmija reġistrazzjoni fit-timesheets, billi, meta jkun qed jiġi eżegwit il-kuntratt u meta ma jkunx iżjed possibbli li tinbidel il-proċedura li tikkonċerna l-ħin iddedikat għall-proġett permezz tal-għajnuna preċedenti u leġittima tat-timesheets, il-Kummissjoni ma tistax b'mod leġittimu teżiġi iktar milli ddeċidiet jew milli ġie stabbilit kuntratt-walment. Barra minn hekk, huwa inopportun li jkun hemm livell ta' ħtieġa li jimplika li l-ħin iddedikat jiġi rreġistrat b'mod fotografiku.

L-att ikkontestat jikser il-prinċipji ta' *bona fide*, tal-aspettattivi leġittimi, ta' trasparenza, ta' proporzjonalità, tan-natura raġjonevoli u ta' amministrazzjoni tajba, peress li r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-ħin huma ġodda, liema fatt huwa ssostanzjat miċ-ċirkustanza li dawn l-istess regoli jinsabu espliċitament u kjarament f'verżjonijiet li saru wara l-programm inkwistjoni.

Żball ta' evalwazzjoni tal-fatti, sa fejn il-portata u l-kontenut tar-rifużjoni li ġiet ordnata mhumiex proporzjonati fir-rigward tal-kontenut u tan-natura tal-atti illegali allegatament ikkonstatati, fid-dawl tal-fatt li ma kienx possibbli li jinkisbu r-riżultati, riflessi fil-klassifikazzjoni fl-għaxar post minn madwar 200 proġett, mingħajr ma jiġi ddedikat ħin kunsiderevolment ogħla mill-ammont li effettivament tħallas (wara li jitnaqqas l-ammont li għandu jiġi rimborsat).

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2009 minn Rinse van Arum mis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Settembru 2009 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-139/07, van Arum vs Parlament**

(Kawża T-454/09 P)

(2010/C 37/55)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Partijiet**

**Appellant:** Rin se van Arum (Winksele, il-Belġju) (rappreżentant: W. van den Muijsenbergh, avukat)

**Appellat:** Il-Parlament Ewropew

**Talbiet tal-appellant**

— tiddikjara l-appell u l-aggravji u l-oġġezzjonijiet ippreżentati bħala ammissibbli; u

— tannulla s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-139/07; u

— billi tiddeċidi hija stess, tannulla d-deċiżjoni li tinkludi r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent; u

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż li r-rikorrenti kellu jsostni fiż-żewġ kawżi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent iressaq l-aggravji segwenti:

- ksur tal-Artikoli 1 u 9 tad-Dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll l-Artikoli 15(2) u 87(1) tal-iskema applikabbli għall-uffiċjali l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej (traduzzjoni mhux uffiċjali) u ksur tad-dispożizzjoni tal-Manwal tal-evalwazzjoni
- ksur tal-Artikolu 19 tad-Dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni;
- ksur tal-prinċipju tal-proċedura kontradittorja, tal-ugwaljanza bejn il-partijiet u tad-drittijiet tad-difiża;
- ksur tad-drittijiet fir-rigward tal-koerenza bejn l-evalwazzjoni u l-punti mogħtija, tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba;
- ksur tal-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba l-użu ta' dokumenti mhux inklużi fil-proċess tal-kawża u ksur tal-prinċipju tal-proċedura tal-kontradittorja, kif ukoll minħabba bidla fl-oneru tal-prova b'ħsara għar-rikorrent u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni;
- ksur tad-dmir ta' premura minħabba li l-evalwatur finali b'negliġenza semma provi żbaljati u ksur tal-prinċipji tad-dritt fir-rigward tal-oneru tal-prova
- applikazzjoni żbaljata ta' liġi, tal-ġurisprudenza u tal-prinċipji tad-dritt li jirrigwardaw l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal, id-dmir ta' premura, id-diliġenza u l-amministrazzjoni tajba u l-prinċipji tad-dritt li jirrigwarda l-prova;
- ksur tad-dritt minħabba l-konstatazzjonijiet inintelligibbli magħmula mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u minn kwalifikazzjoni żbaljata tal-fatti, kif ukoll ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tar-regoli ta' amministrazzjoni tajba;
- konstatazzjoni żbaljata tal-fatti.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2009 — McLoughney vs UASI — Kern (Powerball)**

(Kawża T-484/09)

(2010/C 37/56)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Rory McLoughney (Thurles, l-Irlanda) (rappreżentant: J. M. Stratford-Lysandrides, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ernst Kern (Zahling, il-Ġermanja)

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-30 ta' Settembru 2009, fil-Każ R 1547/2006-4;
- tilqa' l-oppożizzjoni kontra l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 3 164 779; u
- sussidjarjament, tibgħat lura quddiem il-konvenut l-oppożizzjoni għal analiżi iktar fid-dettall skont id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali "Powerball" għal prodotti li jaqgħu fil-klassijiet 10, 25 u 28

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrent

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: It-trade mark mhux reġistrata "POWERBALL" użata fil-kummerċ fil-Irlanda u fir-Renju Unit